MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 520/2002

**Avviz numru 520/02DM**

**Jesken Ltd.**

**Vs**

**Ben De Jong Smith**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmin mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1,820.), bilanc ta' somma akbar, rappresentanti xoghol ta' appalt li primarjament jikkonsisti f'xoghol ta' 'aluminium' ordnat minnu, mibjugh u debitament ikkonsenjat lilu, liema xoghol sar fil-fond 'Villa Romana', Tas-Silg, limiti ta' Marsaxlokk, fis-sena elfejn (2000).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Awissu, 2002, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' elf, tmin mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1,820) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-2 ta' Settembru, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------